

# DUN ĠORĠ PRECA
# U S-SIĠĠIEWI

**Fl-okkażjoni ta' l-Ewwel Ċentenarju mit-twelid ta' Dun Ġorġ Preca (1880-1980), is-Sur Salvu Cassar, membru anzjan fis-Soċjetà tal-MUSEUM, jagħtina l-impressjoniijet tiegħu dwar:**

Dun Ġorġ Preca bilfors kellu relazzjoni intima mas-Siġġiewi, għaliex kellu min jiġi minnu minn dan ir-Raħal. Kunjom ommu ta' xbubitha kien Ċeravolo, waqt li ta' missieru, naturalment, kien Preca u għalhekk ma nistax ngħid jekk il-qraba tiegħu kienux min-naħa ta' ommu jew ta' missieru. Imma fost il-qraba tiegħu għandu l-familja Vassallo, Tal-Fieres — tfisser rikkieb iż-żiemel jew kavallier. Prova ta' din ir-rabta għandna li missieru u ommu huma midfunin hawn ir-raħal fil-qabar tal-Parroċċa, li kien tal-familja Vassallo. Dan il-qabar kien numerat 56 u kien qiegħed fil-korsija fejn in-navata ta' quddiem l-artal tal-Karmnu maġenb il-pilastru maġġur. Missier Dun Ġorġ miet fil-5 ta' Diċembru 1917 u peress li kienet lejliet il-festa, ġie midfun 'l għada tal-festa. Dun Ġorġ ma ġiex jakkumpanja lill-ġenituri fil-funeral tagħhom għaliex ma kienetx id-drawwa f'dak iż-żmien u għalhekk huwa ma kienx jaf fejn kienu midfunin. Darba ġie hawnhekk u saqsa lis-sagristan ta' dak iż-żmien, li kien jismu Ġużeppi Cutajar, biex jurih fejn kienu midfunin. Tant ferañ meta s-sagristan urih il-qabar li Dun Ġorġ beda jgħannaq lil Ġużeppi u dan tant staħa min-nies li kienu qegħdin jarawhom.

Dun Ġorġ kien jiġi fil-Knisja ta' San Nikola u xi drabi jqaddes ukoll. Nikola Cilia, li kien Superjur ta' Ħaż-Żebbuġ u ta' l-interni, darba kien qed jgħinnu l-Quddiesa hawnhekk u wara l-Quddiesa, Dun Ġorġ qallu li sal-Prefazju kien qed jisma' krib ta' mara u wara l-Konsagrazzjoni lemaħ bħal ruħ liebsa l-abjad tiela' lejn is-sema. Aneddotu ieħor kurjuż jixdu Anġlu Schembri li darba waħda kien qiegħed jarma l-baldakkin flimkien ma' Peppi Vassallo għall-Festa ta' Corpus. Għall-għarrieda daħal Dun Ġorġ, u kif resaq ħdejhom, Peppi li kif ġa għedt kien jiġi minnu, qallu: "Dun Ġorġ, urihiena l-pjaga li għamillek Ġesù! Dun Ġorġ wieġeb hekk: "Pepp, naf li inti tħobb tiċċajta, pero l-pjaga ser nurihilkom" u fil-pront tella' ftit il fuq il-pulzier tas-suttana u f qiegħ il-pala ta' idu urihom pjaga li kienet tidher tajjeb. Din ix-xhieda iffirmha l-istess Anġlu Schembri u jien bgħattha lil Patri Alessandru Bonnici.

Dun Ġorġ ġie li ippriedka fil-beraħ fuq dak il-parapett ta' ħdejn l-ispiżerija fejn dari kien hemm siġra kbira li għad hawn min jiftakarha sewwa. Ġie ħafna drabi fil-Qasam tal-Museum tas-subien u waħda mara xiħa minn tal-Fieres kienet tiġi tkellmu. Dun Ġorġ kien strett ħafna fuq il-klawsura ta' l-Oqsma u għalhekk kien iżommha barra u jkellimha fuq l-għatba. Meta huwa kien jiġi s-Siġġiewi, ir-raħal kien jitqanqal. Ġeneralment, wara li kien jinviżta l-Knisja, kien l-ewwel imur igħallem lill-bniet u wara lix-xebbiet tal-Museum u mbagħad igħaddi ftit għand Dun Anton Vella u fl-aħħar jiġi fil-qasam tagħna. Kien jitrejjaq bi ftit kafe' iswed, u wara li jagħti lezzjoni liż-żgħar, kien ikellem lilna l-kbar sa tard filgħaxija. Meta xi ħadd minna kien ikun fuq ix-xwiek minħabba fih, huwa kien igħid: "Jiena mitluq għal kollox f'idejn l-provvdenza t'Alla". Pero xi ħadd dejjem kien iwasslu sal-Ħamrun. Ċikku Callus għamel żmien iwasslu bil-van tiegħu u għalhekk Dun Ġorġ kien isejjaħlu "ix-xufier itegħi".

Meta kien jiġi fil-Qasam kien jistaqsi lis-Superjur jekk għandux ħelu għat-tfal. Dan kien ikun diġa' ippreparaħ fuq gabarre' u Dun Ġorġ wara li kien ibierku u jpoġġi jdejh fuqu, kien igħid lis-Superjur biex iqassmu lit-tfal u dawn kellhom jeħduh id-dar għall-mard; imma naħseb li qajla kienu jħallu minnu sa jaslu.

Darba kienet il-gwerra u Dun Ġorġ ġie jqaddes fis-Siġġiewi u billi kien hawn xi suldati stazzjonati fl-inħawi, ġie fizzjal biex jisma' l-quddiesa tiegħu. Dun Ġorġ li kien jaf li ħin dan il-fizzjal hu limitat sejjaħlu qallu: "Isma'! Jiena nqaddes bis-slow motion tafx".

Dun Ġorġ kien midħla sewwa ta' Dun Anton Vella u mhux l-ewwel darba li marru sa l-Għajn l-Kbira jew lejn il-Fawwara; xi drabi kienu jirkbu xi karettun. Niftakar li darba dħalna lejn il-Fawwara u dak in-nhar barra minn Dun Ġorġ u Dun Anton, kien hemm ukoll Mons. Azzopardi u Dun Ġużepp Camilleri, Viġendarju tal-Fawwara u għadni qed narahom qishom f'Konċilju jitkellmu bejniethom u fuq t-terrazzin. Hassejtni nitpaxxa bihom dawk is-saċerdoti!

Nitlob lil Dun Ġorġ ikompli jberikna mis-Sema.

**Salvu Cassar.**